MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 710/2013

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Ianiello Aniello (K.I. 59126A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta’ sebgħa mija u tlieta u għoxrin Ewro, u tlettax-il ċenteżmu (€723.13), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40167866,* mogħtija mis-soċjeta’ attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' sebgħa mija u tlieta u għoxrin Ewro, u tlettax-il ċenteżmu (€723.13), bl-imgħax legali dekorribbli mit-2 ta' Novembru 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi nnumerata 2619/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ċċitata huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------